



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.9.2014
COM(2014) 554 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tad-Deċjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/919/ĠAI tat-28 ta'
Novembru 2008 li temenda d-Deċiżjoni Kwadru 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-
terroriżmu**

{SWD(2014) 270 final}

WERREJ

1.	Introduzzjoni	3
1.1.	Sfond	3
1.2.	L-elementi prinċipali u l-għan tad-Deċiżjoni Kwadru tal-2008.....	3
1.3.	L-ambitu tar-rapport ta' implimentazzjoni.....	4
2.	Traspożizzjoni mill-Istati Membri	5
2.1.	Il-kriminalizzazzjoni tar-reati l-ġodda ta' provokazzjoni pubblika, reklutaġġ u taħriġ għat-terroriżmu.....	5
2.1.1.	Provokazzjoni pubblika.....	5
2.1.2.	Reklutaġġ għat-terroriżmu.	7
2.1.3.	Taħriġ għat-terroriżmu.	8
2.2.	Reati anċillari	9
2.2.1.	Għajnuna u Assistenza	9
2.2.2.	Tentattivi	9
2.3.	Pieni għall-persuni fiżiċi	10
3.	Rimarki tal-għeluq	10

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/919/ĠAI tat-28 Novembru 2008 li temenda d-Deċiżjoni Kwadru 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu

1. INTRODUZZJONI

1.1. Sfond

Id-Deċiżjoni Kwadru 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (“DK 2002¹”) pprovdiet bażi għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali dwar reati terroristiċi. B’reazzjoni għat-theddidiet li qed jevolvu ta’ radikalizzazzjoni, reklutaġġ u terroriżmu, id-Deċiżjoni Kwadru 2008/919/ĠAI (“DK 2008”²) daħħlet reati ġodda ta’ provokazzjoni pubblika, reklutaġġ u taħriġ għat-terroriżmu. Reati terroristiċi simili kienu diġà ġew introdotti mill-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2005, dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu. Barra minn hekk, in-NU kienet sejthet lill-Istati sabiex jesploraw modi u mezzi għall-ġlieda kontra l-inċitament għal atti ta’ terroriżmu kif ukoll kontra manifestazzjonijiet tat-terroriżmu fuq l-internet.³

L-Istati Membri kienu obbligati jadottaw u jinnotifikaw il-miżuri ta’ implimentazzjoni sad-9 ta’ Diċembru 2010. Il-Kummissjoni kellha tħejji rapport ibbażat fuq din l-informazzjoni. Il-Kunsill kellu mbagħhad, sad-9 ta’ Diċembru 2011, jivvaluta jekk l-Istati Membri kinux ħadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mad-DK 2008.⁴ Mill-1 ta’ Diċembru 2014, il-Kummissjoni se jkollha l-kompetenza li tivvaluta l-konformità tal-Istati Membri u jekk ikun meħtieġ tnedi proċeduri ta’ ksur.

1.2. L-elementi prinċipali u l-għan tad-Deċiżjoni Kwadru tal-2008

Id-DK 2008 stabbiliti tliet reati ġodda marbuta mat-terroriżmu, jiġifieri “il-provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku”, “ir-reklutaġġ għat-terroriżmu” u “it-taħriġ għat-terroriżmu”⁵. L-Istati Membri huma meħtieġa jikkriminalizzaw l-għajjnuna u t-tħeġġiġ tar-reati l-ġodda⁶. Il-kriminalizzazzjoni ta’ tentattivi ta’ reklutaġġ u taħriġ għat-terroriżmu hija fakultattiva⁷.

¹ ĠU L 164, 22/06/2002, p. 3–7.

² ĠU L 330, 09/12/2008, p. 21–23.

³ Ara r-Riżoluzzjoni 1624(2005) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU kif ukoll l-Istrateġija Globali tan-NU Kontra t-Terroriżmu adottata fl-2006.

⁴ Ara l-Artikolu 3(1) u (2) tad-DK 2008.

⁵ Ara l-Artikolu 1(1) u tad-DK 2008 li temenda l-Artikolu 3. Ir-reati marbuta ma’ attivitajiet terroristiċi kif definit fl-Artikolu 3 tad-DK 2002 kienu jinkludu biss serq aggravat, estorsjoni u thejjiġa ta’ dokumenti amministrattivi foloz bl-iskop li jitwettqu reati terroristiċi. Ir-reati l-ġodda ġew miżjuda bħala l-Artikolu 3(1)(a) sa (c) u r-reati preċedenti fl-Artikolu 3(a) sa (c) issa sar l-Artikolu 3(1)(d) sa (f).

⁶ Ara l-Artikolu 1(2) tad-DK 2008 li jemenda l-Artikolu 4 tad-DK 2002 (li jintroduċi l-Artikolu 4(1) tad-DK 2002).

⁷ Ara l-Artikolu 1(2) tad-DK 2008 li jemenda l-Artikolu 4 tad-DK 2002 (li jintroduċi l-Artikolu 4(4) tad-DK 2002).

Id-DK 2008 għandha l-għan li tnaqqas it-tixrid ta' messaġġi u materjal li jistgħu jinċitaw persuni biex iwettqu attacki terroristiċi⁸ u li tadatta l-leġislazzjoni attwali għall-bidliet fil-*modus operandi* tal-attivisti terroristiċi u ta' dawk li jsostnuhom. Dawn jinkludu, b'mod partikolari, il-bdil ta' gruppi strutturati u ġerakiċi b'ċelloli semiautonoma jew atturi solitari u ż-żieda fl-użu tal-internet għall-ispirazzjoni, il-mobilizzazzjoni, l-ordnijiet u t-taħriġ ta' netwerks u individwi terroristiċi lokali⁹. Id-dispożizzjonijiet fis-seħħ għall-implimentazzjoni tad-DK 2002 tqiesu insuffiċjenti peress li aġir bħat-tixrid ta' messaġġi ta' provokazzjoni pubblika li fil-fatt ma jinċitawx persuna partikolari biex twettaq reat terroristiku, it-tixrid ta' messaġġi li jħeġġu lin-nies biex isiru terroristi mingħajr referenza għal reat terroristiku speċifiku, jew it-tixrid fuq l-internet ta' għarfien espert terroristiku mhux immirat biex isostni attivitajiet ta' grupp terroristiku speċifiku, ma kinux neċessarjament kriminalizzati. Id-DK 2008 tfasslet biex timla dan il-vojt, biex tippromwovi l-infurzar tal-liġi u biex ittejjeb il-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija.

L-Artikolu 2 tad-DK 2008 jiċċara li mhux se jkollha l-effett li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jieħdu miżuri f'kontradizzjoni ma' *inter alia* prinċipji fundamentali relatati mal-libertà tal-espressjoni. L-Artikolu 3(1) jfakkar lill-Istati Membri fil-meħtieġa li jiżguraw li l-kriminalizzazzjoni tkun proporzjonali għall-miri leġittimi segwiti u meħtieġa f'soċjetà demokratika, bl-esklużjoni ta' kull forma ta' arbitrarjetà jew diskriminazzjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet jirriflettu s-salvagwardji fl-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa. Barra minn hekk, ir-reati l-ġodda mhumiex intenzjonati li jinkludu t-tixrid ta' materjal għal skopijiet xjentifiċi, akkademiċi jew ta' rappurtar jew l-espressjoni ta' opinjonijiet polemiċi jew kontroversjali fid-dibattitu pubbliku dwar kwistjonijiet politiċi sensittivi, kif iggarantit mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni.

1.3. L-ambitu tar-rapport ta' implimentazzjoni

Id-deskrizzjoni u l-analiżi f'dan ir-rapport huma primarjament ibbażati fuq l-informazzjoni li pprovdew l-Istati Membri, issupplimentata b'informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ur-riżultati ta' studju estern.

Ir-rapport jiffoka fuq il-miżuri li ħadu l-Istati Membri s'issa biex jimplementaw ir-reati l-ġodda, inklużi r-reati anċillari relatati u penali rispettivi¹⁰. Huwa jivvaluta jekk l-Istati Membri implementawx id-DK 2008 fil-perjodu ta' żmien speċifikat, jekk issodisfawx ir-rekwiżiti ta' ċarezza u ċertezza legali u jekk laħqux l-oġettivi tad-DK 2008. L-ambitu u l-potenzjal ta' prosekuzzjonijiet b'suċċess għal dawn ir-reati jiddependu wkoll fuq l-implimentazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet (mhux mibdula) li jinsabu fid-DK 2002. Filwaqt li dan ir-rapport ma jivvalutax (mill-ġdid) il-konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet¹¹, madankollu jiġbed l-attenzjoni

⁸ Ara l-premessa 7 tad-DK 2008.

⁹ Partikolarment ara l-premessi 4 u 5 tad-DK 2008. Ara wkoll l-aħħar rapport dwar is-sitwazzjoni u t-tendenzi tat-terroriżmu fl-Unjoni Ewropea tal-2014 (European Union Terrorism Situation and Trend Report 2014) ippublikat mill-Europol li jenfasizza *inter alia* l-użu tal-internet u tal-midja soċjali bħala għodda għall-ippjanar, il-finanzjament, ir-reklutaġġ, il-komunikazzjoni, l-ordinijiet, it-taħriġ u l-propoganda li huwa maħsub li kkontribwixxew għaż-żieda fir-rata tal-awtoradikalizzazzjoni fost iċ-ċittadini tal-UE.

¹⁰ Ara wkoll il-premessa 11 tad-DK 2008.

¹¹ F'ħafna każijiet, l-Istati Membri pprovdew biss l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tal-konformità mal-Artikoli emendati 3 u 4 tad-Deċizzjoni Kwadru.

għar-riżultati ta' rapporti ta' implimentazzjoni preċedenti u għan-nuqqasijiet identifikati fihom.¹² Sakemm ma jiġux rimedjati, dawn in-nuqqasijiet se jaffettwaw l-ambitu tar-reati l-ġodda ta' provokazzjoni pubblika, reklutaġġ u taħriġ għat-terroriżmu.

2. TRASPOŻIZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2.1. Il-kriminalizzazzjoni tar-reati l-ġodda ta' provokazzjoni pubblika, reklutaġġ u taħriġ għat-terroriżmu

Ħafna mill-Istati Membri kkriminalizzaw il-provokazzjoni pubblika, ir-reklutaġġ u t-taħriġ għat-terroriżmu, anke jekk f'xi każijiet l-ambitu tad-dispożizzjonijiet huwa aktar limitat milli maħsub fid-DK 2008.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kellhom jadottaw dispożizzjonijiet speċifiċi peress li l-imġiba preparatorja jew għadha tinbed ma kinitx ġiet espliċitament kriminalizzata u ma kinitx taqa' taħt id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta mal-parteciġazzjoni u l-attentati. Sussegwentament għall-adozzjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2005 dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu, għadd ta' Stati Membri kienu diġà adottaw miżuri biex jikkriminalizzaw t-tliet reati l-ġodda (**DK, EE, IT, LV, MT, FI u UK**)¹³. Għadd żgħir biss ta' Stati Membri qalu li d-dispożizzjonijiet ġenerali eżistenti jkopru l-aġir inkwistjoni.

Ħafna mill-Istati Membri ttrasponew id-DK 2008 billi emendaw jew daħħlu dispożizzjonijiet fil-Kodiċi Kriminali, filwaqt li għadd iżgħar adottaw jew emendaw atti speċjali dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (**IE, CY, PT, RO, SE, UK**), jew inkella qagħdu fuq atti oħra, bħal-Liġi tal-Istampa tal-1881 (**FR**)¹⁴.

Minn dawk li kienu meħtieġa jadottaw miżuri ġodda, għadd relattivament żgħir għamlu hekk fil-perjodu ta' żmien stipulat (**DE, ES, CY, NL, SI, SK, SE**). L-Istati Membri l-oħra ttrasponew id-DK 2008 biss fl-2011 (**BG, CZ, AT, PL, PT**), fl-2012 (**FR, LU, RO**) jew fl-2013 (**BE, HR, LT, HU**). Żewġ Stati Membri għadhom ma adottawx il-leġiżlazzjoni meħtieġa (**IE, EL**)¹⁵.

2.1.1. *Provokazzjoni pubblika*

L-Artikolu 3(1)(a) tad-DK 2002 kif emendata jiddefinixxi l-provokazzjoni pubblika bħala "*id-distribuzzjoni, jew inkella t-tqegħid għad-dispożizzjoni, ta' messaġġ lill-pubbliku, bl-*

¹² Ara l-ewwel rapport ta' implimentazzjoni tat-8 ta' Ġunju 2004 (COM(2004) 409 finali u SEC(2004)688) u t-tieni rapport ta' implimentazzjoni tas-6 ta' Novembru 2007 (COM(2007)681 finali u SEC(2007)1463). Jirriżulta minn dawn ir-rapporti ta' implimentazzjoni li hemm nuqqasijiet fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati ma' reati terroristiċi ewlenin (ara l-Artikolu 1 DK 2002), ir-responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi (ara l-Artikoli 7 u 8 tad-DK 2002) kif ukoll ir-regoli ġurisdizzjonali (ara l-Artikoli 9 u 10 tad-DK 2002).

¹³ L-Istati Membri kollha (hief **CZ**) iffirraw il-Konvenzjoni. Għadd ta' Stati Membri għadhom ma rratifikawhiex (**BE, CZ, IE, EL, IT, LT, MT, PT, UK**).

¹⁴ Għal ħarsa dettaljata tal-miżuri leġiżlattivi adottati mill-Istati Membri, ara t-Tabella 1 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SWD(2014)xxx).

¹⁵ Il-Gvern Irlandiż ressaq l-Abbozz ta' Liġi tal-2012 tal-Ġustizzja Kriminali (Reati Terroristiċi) (Emenda) u għarraf lill-Kummissjoni li l-Abbozz ta' Liġi kien se jitressaq quddiem il-Parlament. Id-deskrizzjoni f'dan ir-rapport hija bbażata fuq dak l-Abbozz ta' Liġi. Il-Gvern Grieg informa lill-Kummissjoni dwar it-tnejja ta' Abbozz ta' Liġi intitolat "Ir-Ratifikazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Prevenzjoni tat-Terroriżmu u l-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni Ewropea dwar is-soppressjoni tat-terroriżmu u l-leġiżlazzjoni relatata" iżda ma sottomettix dan l-Abbozz ta' Liġi.

intenzjoni tal-inċitazzjoni tat-twettiq ta' wieħed mir-reati elenkati fl-Artikolu 1(1)(a) sa (h), fejn imġiba bħal din, kemm jekk tippromwovi direttament reati terroristiċi kif ukoll jekk le tikkawża periklu li jista' jitwettaq reat wieħed jew aktar.; "

Inqas minn nofs l-Istati Membri adottaw dispożizzjonijiet speċifiċi li espliċitament jikkriminalizzaw it-tixrid ta' messaġġi lill-pubbliku bl-intenzjoni li jinċitaw reati terroristiċi, allinjati mill-qrib mat-test tad-DK 2008 (**BE, DE, IE, ES, HR, CY, LU, RO, SI, FI, UK**). Il-bqija tal-Istati Membri għażlu li jistrieħu fuq dispożizzjonijiet li jikkriminalizzaw "il-provokazzjoni" f'termini aktar ġenerali (**BG, DK, MT, PL, PT, SK, SE**), "l-inċitament" (**EE, FR, IT, LV, LT, HU**) jew il-faċilitazzjoni jew is-sostenn ta' reati terroristiċi (**CZ, NL, AT, PL**).

Id-dipendenza fuq dispożizzjonijiet li jirrigwardaw, b'mod iktar ġenerali l-inċitament pubbliku jew l-provokazzjoni pubblika minflok dipendenza fuq is-sempliċi intenzjoni ta' inċitament ta' reati terroristiċi kif meħtieġ mid-DK 2008 tissogra li tiġi kkkriminalizzata biss "il-provokazzjoni diretta"¹⁶, minflok "il-provokazzjoni indiretta" li sempliċement toħloq il-periklu li jiġu kommissi reat wieħed jew aktar (**BG, EE, FR** fejn id-dispożizzjoni hija limitata espliċitament għall-provokazzjoni diretta, **IT, LT, HU, MT**). "Provokazzjoni indiretta" xorta waħda tista' tkun koperta jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali jkopru l-imġiba preparatroja jew ta' faċilitazzjoni (kif jidher li huwa l-każ għal **CZ, EE, NL, AT, PL, PT**), tkopri imġiba li sempliċement tikkawża periklu li jitwettaq reat terroristiku (kif jidher li huwa li każ għal **LV, AT, SK**) irrispettivament mir-reati terroristiċi li jkunu qed jitwettqu jew it-tentattivi tagħhom (**CZ, SE**) jew jiġu applikati mill-qrati nazzjonali għal imġiba li tista' tiġi kkwalfikata bħala provokazzjoni indiretta (kif jidher li huwa l-każ fid-**DK**).

Xi Stati Membri jikkjarifikaw b'mod espliċitu li l-provokazzjoni pubblika hija punibbli irrispettivament minn jekk persuna kinitx fil-fatt imħeġġa (eż. **UK**) jew jekk ir-reat terroristiku fil-fatt twettaqx (eż. **IE, CY, LU**) u wkoll f'każijiet fejn l-imġiba tinkoraġġixxi reati terroristiċi b'mod ġenerali (**UK**).

Xi Stati Membri jikkriminalizzaw mhux biss il-provokazzjoni għat-twettiq ta' reati terroristiċi, iżda wkoll provokazzjoni biex jitħejjew u jiġu instigati reati bħal dawn (**UK**) jew inċitament għat-taħriġ jew biex jitħarrġu (**RO**). Xi Stati Membri jikkriminalizzaw mhux biss l-att tat-tixrid iżda wkoll l-att tal-ksib jew il-pussess ta' materjal maħsub għal skopijiet ta' propaganda terroristika (**DE, UK**). Filwaqt li l-parti l-kbira tal-Istati Membri jikkriminalizzaw biss l-aġir intenzjonali, f'mill-inqas Stat Membru wieħed hija kriminalizzata wkoll l-imġiba l-irresponsabbli (**UK**). Fl-aħħar nett, xi Stati Membri introduċew reati aktar speċifiċi, bħar-reat tat-tixrid pubbliku ta' propoganda terroristika flimkien mar-reat tat-tħeġġiġ tat-terroriżmu (**UK**), il-glorifikazzjoni pubblika, il-promozzjoni jew l-approvazzjoni tat-terroriżmu (**DK, ES, LT AT, SI, SK**) jew l-umiljazzjoni u d-disprezz tal-vittmi tat-terroriżmu (**ES, LT**). Min-naħa l-oħra, f'xi każijiet, jidher li mhux ir-reati kollha elenkati fl-Artikolu 1 tad-DK 2002 huma koperti (**DE**).

¹⁶ "Provokazzjoni diretta" tiddekrivi każijiet li fihom l-inċitament iwassal biex persuna tikkommetti jew tal-anqas tipprowa tikkommetti reat terroristiku, u li fihom l-inċitament ikun marbut ma' reat terroristiku speċifiku.

2.1.2. Reklutaġġ għat-terroriżmu.

Ir-reklutaġġ għat-terroriżmu huwa definit fl-Artikolu 3(1)(b) kif emendat bħala “*li wieħed ifittex persuna oħra sabiex twettaq wieħed mir-reati elenkati fl-Artikolu 1(1) (a) sa (h), jew fl-Artikolu 2(2)...*”.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri adottaw dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkriminalizzaw l-att li wieħed iħajjar persuna oħra biex twettaq reat terroristiku u biex tipparteċipa f'attivitajiet ta' grupp terroristiku. Reklutaġġ biex jitwettqu reati terroristiċi (skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tad-DK 2002) u reklutaġġ fi grupp terroristiku (skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tad-DK 2002) huma parti mill-istess dispożizzjoni fi ftit inqas minn nofs l-Istati Membri (**BE, CZ, DK, ES, HR, LT, LU, HU, NL, SI, FI**). Bosta Stati Membri oħra għandhom dispożizzjonijiet differenti għaż-żewġ forom ta' reklutaġġ (**DE, FR, AT, UK**). F'xi Stati Membri jidher li huwa punibbli biss ir-reklutaġġ għat-twettiq ta' reat terroristiku, u mhux ir-reklutaġġ għall-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' gruppi terroristiċi kif definit fl-Artikolu 2(2) tad-DK 2002 (**BG, EE, IE, MT, PT, RO, SK, SE**, filwaqt li f'**CY** u **LV** mhux ċar jekk ir-referenza għal atti terroristiċi tkoprix ukoll il-parteċipazzjoni fi grupp terroristiku).

Mill-Istati Membri li daħħlu dispożizzjonijiet speċifiċi ġodda biex ikopru r-reati l-ġodda, ftit użaw it-terminu 'tħajjir' fid-definizzjoni tagħhom ta' reklutaġġ (**HR, LU, SK** 'jintalab', **MT**: 'tħajjir' jew 'reklutaġġ'). Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jidher li għażlu t-terminu 'reklutaġġ' (**BE, BG, DE, EE, IE, IT, ES, LV, LT, MT**: 'tħajjir' jew 'reklutaġġ', **PT, RO, SI**: 'konskrizzjoni', **FI**) jew termini oħra bħal 'jippruvaw jinduċu' (**SE**), 'inċitament' u 'provokazzjoni' (**NL**), 'instigazzjoni' (**HU**) jew 'inkuraġġiment' (**CY**). F'xi Stati Membri, huwa argumentat li t-terminu “reklutaġġ” ikun jeħtieġ xi xorta ta' pjan jew qafas istituzzjonali minimu li l-persuna reklutata tkun meħtieġa taderixxi miegħu (**PT**). Dan jista' jqajjem dubji dwar jekk l-inkuraġġiment ta' “attur solitarju” sabiex iwettaq atti terroristiċi huwiex fil-fatt kriminalizzat skont id-dispożizzjonijiet nazżjonali.

Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jirreferu għal reklutaġġ (jew sinonimi) f'termini ġenerali, għadd żgħir jispeċifikaw f'aktar dettall l-imġiba punibbli (fi **FR** id-definizzjoni tirreferi għall-offerta ta' rigali u benefiċċji oħra biex jheddu jew ipoġġu pressjoni fuq persuna biex twettaq reat terroristiku). Dan jista' jillimita bla bżonn il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni billi ma tkunx tista' tkopri każijiet fejn persuna tiġi mħeġġa b'modi oħra.

Xi Stati Membri jikkjarifikaw b'mod espliċitu li r-reklutaġġ huwa punibbli anke jekk il-persuna ma tagħtix il-kunsens tagħha biex twettaw ir-reat terroristiku (**CY, LU**).

Xi Stati Membri jinvokaw dispożizzjonijiet eżistenti jew ġenerali li jkopru diversi forom ta' parteċipazzjoni f'reat terroristiku (e.ż. **CZ, AT**), il-faċilitazzjoni ta' reat terroristiku (pereż. **PL**), sostenn għal grupp terroristiku (pereż. **CZ, DE, AT**), l-inċitament għat-twettiq ta' reati terroristiċi jew li tkun tagħmel parti minn grupp proskritt (pereż. **UK**), tentattiv ta' parteċipazzjoni, konġura (**DE, FR**: '*association de malfaiteurs*') jew attivitajiet preparatorji oħra (pereż. **HU, UK**). Riskju potenzjali huwa li d-dispożizzjonijiet relatati mas-sostenn ta' organizzazzjonijiet terroristiċi jew il-parteċipazzjoni f'konġura ma jkopru ir-reklutaġġ ta' “atturi solitarij” (pereż. **CZ, DE, FR, UK**). Din jista' jkun ta' tħassib jekk l-ebda dispożizzjoni oħra ma tikkriminalizza din l-imġiba. Id-dipendenza fuq dispożizzjonijiet ġenerali tista wkoll tqajjem dubji dwar jekk ir-reati li jkunu għadhom qed jinbtu humiex fil-fatt kriminalizzati.

Dan se jiddependi fuq l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' kunċetti bħall-faċilitazzjoni ta' jew atti preparatorji għal reati terroristiċi.

Filwaqt li f'xi każijiet, ir-reklutaġġ ma jidherx li jkopri r-reati kollha elenkati fl-Artikolu 1(1)(a) sa (h) tad-DK 2002 (**IT**), Stati Membri oħra kkriminalizzaw mhux biss ir-reklutaġġ għat-twettiq ta' reati terroristiċi iżda wkoll ir-reklutaġġ għall-faċilitazzjoni (**DK**), il-preparazzjoni (**FI**) jew il-parteċipazzjoni (**LT, SI, SK**) f'reati terroristiċi. F'xi Stati Membri, id-definizzjoni ta' reklutaġġ testendi għall-finanzjament tat-terroriżmu (**DK**). F'ċerti Stati Membri, kwalunkwe persuna li hija konxja li l-attività tagħha tippromwovi b'mod attiv reati terroristiċi tista' teħel piena (**FI**). Fl-aħħar nett, xi pajjiżi kkriminalizzaw ukoll li wieħed jippermetti lilu nnifsu li jiġi reklutat (eż. **DK**).

2.1.3. *Taħriġ għat-terroriżmu.*

It-taħriġ għat-terroriżmu huwa definit fl-Artikolu 3(1)(c) kif emendat bħala "*li tingħata istruzzjoni dwar kif isiru jew jintużaw l-isplussivi, l-armi tan-nar jew armi oħra jew is-sustanzi tossiċi jew perikolużi, jew dwar metodi u tekniki oħra speċifiċi, bl-iskop li jitwettaq wieħed jew aktar mir-reati elenkati fl-Artikolu 1(1) (a) sa (h), u bil-konnoxxenza li l-ħiliet ipprovduti jkunu maħsuba biex jintużaw għal dan l-iskop.*"

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri adottaw dispożizzjonijiet speċifiċi li espliċitament jikkriminalizzaw l-istruzzjoni f'metodi u tekniki għall-iskop li jitwettqu reati terroristiċi miktuba allinjati mill-qrib mat-test tad-DK 2008 (**BE, DE, IE, HR, IT, CY, LU, MT, AT, PT, RO, SI, SK, FI, SE, UK**).

Xi Stati Membri jirreferu f'termini aktar ġenerali għal 'taħriġ għat-twettiq ta' reat terroristiku' (**BG, DK, EE, ES, LV**) jew 'l-għoti ta' informazzjoni, għarfien u ħiliet għat-twettiq ta' reat terroristiku' (**LT, NL**), mingħajr ma jsemmu l-ħiliet speċifiċi elenkati fl-Artikolu 3 tad-DK 2008 (anki jekk, f'xi każijiet, jidher li ngħataw kjarifiki addizzjonali f'noti ta' sjegazzjoni għal-liġi; pereż. **DK**).

Sal-punt li l-Istati Membri jiddependu fuq dispożizzjonijiet ġenerali eżistenti dwar il-parteċipazzjoni, il-preparazzjoni, il-faċilitazzjoni jew is-sostenn għal reati terroristiċi (**CZ, HU, PL**), mhuwiex ċar jekk il-liġi nazzjonali tinkriminalizzax l-għoti ta' taħriġ f'każijiet fejn ma jkunx twettaq reat terroristiku jew sar tentattiv tiegħu; Dan fl-aħħar mill-aħħar jiddependi fuq l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dawn il-kunċetti fil-liġi nazzjonali. Barra minn hekk, mhuwiex ċar jekk il-kunċett ta' "konġura" (pereż. "*association de malfaiteurs*" fi **FR**) tinkludix is-sempliċi tixrid ta' materjal ta' taħriġ mingħajr rabtiet stabbiliti ma' grupp terroristiku.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jikkriminalizzaw kemm l-istruzzjoni kif ukoll it-taħriġ (pereż **BE, DK** jirreferu wkoll għat-'taġħlim', **IE, IT, MT, AT, PT, RO, UK**), filwaqt li xi wħud jirreferu biex għat-taħriġ (**BG, EE, ES, LV, FI**) jew xi forma ta' struzzjoni (**DE, HR** u **CY**: 'għoti ta' gwida', **LU, NL**: 'għoti ta' informazzjoni' u 'taġħlim', **SI, SK**: 'għoti ta' għarfien espert', **SE**). Filwaqt li t-terminu "taħriġ" jista' jinftehem li jimplika xi tip ta' relazzjoni bejn min iħarreġ u ta' min jitħarreġ, 'struzzjoni' tkopri t-tixrid ta' informazzjoni għal awtostruzzjoni (pereż. **IT, AT**).

Xi dispożizzjonijiet nazzjonali jipprovdu aktar kjarifiki, pereżempju, li t-taħriġ huwa punibbli jekk jingħata lil persuna partikolari waħda jew aktar (**BG, UK**) jew b'mod ġenerali (**UK**) jew li l-ħiliet jistgħu jintużaw għal atti ta' terroriżmu diġà speċifikati jew reati terroristiċi b'mod ġenerali (**UK**) jew li t-taħriġ huwa punibbli anke jekk min jitħarreġ ma jkunx ser iwettaq jew jipparteċipa f'attakk terroristiku (**DK, LU**).

Normalment hija meħtieġa l-intenzjoni biex l-azzjonijiet jikkostitwixxu reat, iżda f'xi Stati Membri, l-għarfien li l-istruzzjoni mogħtija tinkoraġġixxi lin-nies iwettqu reati terroristiċi (**FI**) jew negliġenza (**UK** fir-rigward ta' attendenza f'kampijiet ta' taħriġ) huma suffiċjenti. F'każijiet oħra, l-intenzjoni meħtieġa jidher li tkun preżunta u jkun l-imputat li jkollu jipprova l-legalità tal-istruzzjoni jew it-taħriġ li jkun ta' jew irċieva (**IE, UK**).

Filwaqt li f'xi Stati Membri, ir-reati terroristiċi li jingħata taħriġ għalihom ma jinkludux ir-reati kollha elenkati fl-Artikolu 1(1) tad-DK 2002 (pereż. **DE, IT**), Stati Membri oħra jmorru lil hinn mir-rekwiżiti, billi jistipulaw, pereżempju li t-taħriġ huwa kriminalizzat ukoll fir-rigward tal-finanzjament tat-terroriżmu (**DK**) jew meta l-ħiliet ikunu se jintużaw minn organizzazzjoni terroristika (**CY**). F'xi Stati Membri, it-taħriġ mhuwex punibbli biss jekk jingħata bil-għan li jitwettaq reat terroristiku iżda wkoll jekk l-għan ikun il-parteċipazzjoni fatti bħal dawn (**SI**) jew li jitwettqu reati bil-għan li jitħejja jew jiġi ffaċilitat reat terroristiku (**NL, FI, UK**) jew li tiġi assistita l-kummissjoni jew il-preparazzjoni minn oħrajn ta' atti terroristiċi (**UK**). Barra minn hekk, diversi Stati Membri jikkriminalizzaw l-att li wieħed jirċievi taħriġ jew struzzjoni, imsemmi wkoll bħala 'taħriġ passiv' (**BE, DK, DE, IE, NL, AT, RO, UK**). Xi Stati Membri adottaw dispożizzjonijiet addizzjonali speċifiċi li jikkriminalizzaw l-attenzenza f'kampijiet ta' taħriġ (pereż. **UK**).

2.2. Reati anċillari

2.2.1. Għajjnuna u Assistenza

L-Artikolu 4(1) tad-DK 2002 kif emendat jeħtieġ li l-Istat Membru jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-għajjnuna jew il-kompliċità fir-reati l-ġodda kif definit fl-Artikolu 3 tkun punibbli. Kważi l-Istati Membri kollha kkriminalizzaw l-għajjnuna u l-kompliċità fir-reati l-ġodda. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-għajjnuna u l-kompliċità huma applikabbli awtomatikament għar-reati l-ġodda. **CY** biss dikjara espliċitament fid-dispożizzjonijiet rilevanti li l-għajjnuna u l-assistenza għar-reati ġodda mhumex reat.

2.2.2. Tentattivi

L-Artikolu 4(4) tad-DK 2002 kif emendat jagħti lill-Istati Membri l-għażla li jikkriminalizzaw tentattivi ta' taħriġ jew reklutaġġ għat-terroriżmu. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, ir-regoli ġenerali dwar it-tentattivi japplikaw mingħajr distinzjoni jew kwalifika ulterjuri għar-reati jew id-delitti kollha u għalhekk anke għar-reati terroristiċi l-ġodda. B'riżultat ta' dan, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kkriminalizzaw it-tentattiv tar-reklutaġġ u t-taħriġ ta' persuna għal għanijiet ta' terroriżmu kif ukoll it-tentattiv ta' provokazzjoni pubblika (**BE, BG, CZ, EE, ES, HU, LV, LT, MT, NL, AT, PL**). F'xi Stati Membri, mandankollu jidher li l-ġurisprudenza tikkunsidra li d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar it-tentattivi mhumex applikabbli għal reati li jkunu għadhom qed jinbtu (pereż. **IT**).

F'ċerti Stati Membri, tentattiv huwa punibbli biss fil-każ li jkun ta' ċerta serjetà, reati kriminali, reati b'ċerti sanzjonijiet minimi u mhux fil-każ ta' reati anqas serji. Filwaqt li f'xi Stati Membri t-tliet reati l-ġodda kollha huma kklassifikati bħala tali reati (**DK, HR, PT**), f'oħrajn mhumiex. Tentattiv għalhekk mhuwiex punibbli (**DE; SI** dubbjuż).

Fi Stati Membri oħra, tentattiv huwa punibbli jekk ikun speċifikament previst hekk. Xi Stati Membri kkriminalizzaw b'mod espliċitu t-tentattiv li jitwettaq kwalunkwe wieħed mit-tliet reati l-ġodda (**IE, SE, UK**). Xi wħud ikkriminalizzaw biss it-tentattiv biex iħarrġu u jirreklutaw persuna għal skopijiet terroristiċi (**LU, SK, FI**) u oħrajn ma kkriminalizzawx it-tentattiv (**CY**: eskluđa b'mod espliċitu l-punibbiltà tat-tentattiv tar-reati l-ġodda, **RO**).

2.3. Pieni għall-persuni fiżiċi

Il-livell tal-pieni jvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri.¹⁷ It-terminu minimu ta' priġunerija jvarja minn inqas minn sena sa 20 sena. Bl-istess mod, it-terminu massimu jvarja minn sentejn sa 25 sena jew għomor il-ħabs. Il-multi jistgħu jkunu alternattiva (**DK, DE, IE, LU, NL, UK**) jew piena addizzjonali għal priġunerija (**BE, IE, FR, LU, UK**).

Aktar minn nofs l-Istati Membri jimponu l-istess piena għat-tliet reati l-ġodda kollha (**BE, BG, CZ, EE, IE, HR, LU, HU, MT, PL, SI, SK, SE**). Fl-Istati Membri b'sanzjonijiet differenti għat-tliet reati l-ġodda, il-pieni għall-provokazzjoni pubblika huma ġeneralment inferjuri minn daww għaż-żewġ reati l-oħra (**DE, DK, ES, IT, CY, LV, LT, PT, RO, FI, UK**).

Meta l-Istati Membri jikkriminalizzaw li wieħed jiġi rreklutat jew jirċievi taħriġ jew istruzzjonijiet kif ukoll ir-reklutaġġ u l-ġhoti ta' taħriġ jew istruzzjonijiet, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet hija applikata l-istess firxa ta' peni (**DE, DK, IE, NL, AT**). F'każijiet oħra, li tiegħu sehem f'taħriġ huwa reat li jgħorr piena inqas milli li tipprovdni t-taħriġ (**RO**). Bl-istess mod, fejn l-Istati Membri kkriminalizzaw mhux biss it-tixrid, iżda wkoll l-att tal-ksib jew il-pussess ta' propaganda terroristika, l-istess peni japplikaw għaż-żewġ reati (**DE, UK**). Meta ssir distinzjoni bejn il-provokazzjoni u l-apoloġija/il-glorifikazzjoni tat-terroriżmu, xi Stati Membri jipprevedu peni aktar baxxi għal apoloġija tat-terroriżmu (**DK, ES**), filwaqt li Stati Membri oħra japplikaw l-istess peni (**DK, AT, SI, SK, UK**). Meta l-Istati Membri jikkriminalizzaw it-taħriġ u l-istruzzjoni, f'ħafna każijiet tiġi applikata l-istess piena. Fi Stati Membri oħra madankollu l-piena għall-istruzzjoni hija aktar baxxa mill-piena għat-taħriġ (**AT**). Diversi Stati Membri japplikaw peni differenti skont jekk ir-reklutaġġ isirx f'isem grupp terroristiku, f'liema każ jistgħu jiġu imposti peni akbar (**DK, HU, AT**).

3. RIMARKI TAL-GĦELUQ

ħafna mill-Istati Membri adottaw miżuri maħsuba biex jikkriminalizzaw il-provokazzjoni pubblika, ir-reklutaġġ u t-taħriġ għat-terroriżmu skont id-DK 2008. Il-Kummissjoni tinnota li żewġ Stati Membri (**IE** u **EL**) għadhom ma implimentawx id-DK 2008 u thegħġiġhom jadottaw il-miżuri leġiżlattivi meħtieġa mingħajr aktar dewmien. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri huma ġeneralment konformi mad-DK 2008, hemm għadd ta' kwistjonijiet ta'

¹⁷ Għal ħarsa dettaljata tal-pieni applikabbli, ara t-tabella 2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni.

tħassib potenzjali b'mod partikolari fir-rigward tal-kriminalizzazzjoni skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' "provokazzjoni indiretta" u reklutaġġ ta' "atturi solitarji". L-Istati Membri huma mistiedna jipprovdu lill-Kummissjoni bi spjegazzjonijiet u informazzjoni addizzjonali biex tkun tista' tlesti l-valutazzjoni tagħha.

Diskussjonijiet dwar l-impatt tal-leġiżlazzjoni ta' kontra t-terroriżmu fuq id-drittijiet fundamentali saru l-aktar fir-rigward tal-adozzjoni tal-miżuri ta' implimentazzjoni tad-DK 2002 u xi ftit inqas fir-rigward tar-reati l-ġodda¹⁸. Filwaqt li t-tħassib dwar id-drittijiet fundamentali jista' jkollu rwol fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu t-tliet reati l-ġodda, jidher li dawn ma ħolqux il-ħtieġa li jiġi limitat l-ambitu tad-dispożizzjonijiet legali rilevanti skont il-liġi nazzjonali.¹⁹

Il-Kummissjoni tinnota li l-partijiet konċernati huma favur li jiżdienu l-iskambji tal-esperjenzi u l-prassi bejn il-prosekuturi u l-imħallfin u jaraw il-ħtieġa li jintegraw l-isforzi tal-infurzar tal-liġi f'approċċ aktar komprensiv li għandu jinkludi l-prevenzjoni bikrija tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ għat-terroriżmu.

Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jimmonitorjaw u jevalwaw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali dwar it-terroriżmu fil-prattika. Meta jagħmlu dan, għandha tiġi kkunsidrata l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali kif ukoll l-approċċ ta' politika usa' kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-effikaċja u l-impatt tad-Deċiżjoni Kwadru dwar it-terroriżmu.

¹⁸ Id-diskussjonijiet kienu jirrigwardaw fost l-oħrajn kwistjonijiet ta' ċertezza legali, ir-rispett tal-prinċipju tal-proporzjonalità tas-sanzjonijiet għar-reati ta' natura preparatorja u l-konflitt potenzjali bejn il-libertà tal-espressjoni u r-reat ta' provokazzjoni pubblika.

¹⁹ Fin-notifiki tagħhom lill-Kummissjoni, l-Istati Membri ma invokawx l-Artikolu 2 jew 3 tad-DK 2008 sabiex jillimitaw l-ambitu tar-reati terroristiċi l-ġodda jew biex isostnu t-tħassib dwar id-drittijiet fundamentali bħala raġuni biex ma jimplementawx ir-reati l-ġodda.